**Uffiċċju tar-Regolatur**

**Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali**


# Livelli ta' Approvazzjoni tas-Sigurtà

**Verżjoni 2**

Diċembru 2020

# 1.0 Introduzzjoni

L-Għan ta' dan id-dokument hu li jiġu stabbiliti l-livelli differenti ta' sigurtà li għandu jkun hemm fl-Uffiċċju tar-Regolatur, Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali (UR-GħĊSE). Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw biss fil-każ ta' Uffiċjali skjerati fi ħdan l-UR-GħĊSE u jeskludu partijiet terzi li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe strumenti legali, għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għal informazzjoni speċifika miżmuma mill-Uffiċċju. Min-naħa l-oħra, fil-każ tal-pubbliku ġenerali, għandu jinagħta aċċess biss għal informazzjoni li tista' tkun disponibbli fid-dominju pubbliku, kif deskritt ukoll mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

# 2.0 Responsabbiltajiet tal-Persunal

Irrispettivament mil-livelli ta' approvazzjoni assenjati lill-persunal, l-uffiċjali kollha għandhom ikunu personalment responsabbli biex jittrattaw b'mod sigur kwalunkwe informazzjoni li tiġi fdata lilhom. L-informazzjoni kollha għandha tiġi ttrattata b'attenzjoni biex jiġi prevenut telf jew aċċess mhux xieraq u tiskoraġġixxi kompromess deliberat jew attakk opportunistiku.

# 3.0 Livelli Differenti ta' Sigurtà

Għandu jkun hemm tliet livelli ta' sigurtà. Dawn għandhom jiġu nnumerati minn 1 sa 3 li jibdew bl-inqas livell ta' sigurtà u li javvanzaw għal livelli ogħla u aktar sensittivi. Spjegazzjoni ta' x'inhu kopert minn kull livell hija kif ġej hawn taħt.

## 3.1 Livell ta' approvazzjoni Nru. 1 li fih l-Uffiċjali jitħallew jaraw/jimmaniġġjaw informazzjoni li hija ristretta jew fid-Dominju Pubbliku

Dan il-livell ta' approvazzjoni huwa normalment applikabbli għal Uffiċjali li d-dmirijiet tagħhom huma limitati għall-uffiċċji fi ħdan l-UR-GħĊSE. Dan jinkludi data li jista' jkollha konsegwenzi ta' ħsara limitata jekk tiġi żvelata iżda ma tkunx soġġetta għal riskju akbar.
Lista mhux eżawrjenti ta' informazzjoni li hija aċċessibbli għall-Uffiċjali li għandhom awtorizzazzjoni ta' livell 1 hija kif ġej:

- Rapporti interni ta' ivvettjar (kemm dawk miktuba bl-idejn kif ukoll dawk ittajpjati);
- Informazzjoni dwar statistika;
- Informazzjoni bażika relatata mal-Aġenti;
- Skambji ta' komunikazzjoni li fihom l-UR-GħĊSE huwa direttament jew indirettament involut;
- Ilmenti imressqa minn Aġenti;
- Informazzjoni li hija disponibbli liiberament permezz ta' sorsi tal-midja

## 3.2 Livell ta' approvazzjoni Nru. 2 li fih l-Uffiċjali jitħallew jaraw/jimmaniġġjaw Informazzjoni Sigrieta

Dan il-livell ta' approvazzjoni huwa normalment applikabbli għal Uffiċjali li jmorru fuq il-post fil-bini tal-Aġenzija Komunità Malta u jivvettjaw dokumentazzjoni relatata mal-Programm ta' Investitur Individwali u l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali. Dan jinkludi informazzjoni sensittiva ħafna li jista' jkollha konsegwenzi ta' ħsara jekk tiġi żvelata u għaldaqstant hija koperta minn miżuri protettivi akbar. Dan huwa addizzjonali għall-aċċess mogħti fil-livell 1.

Lista mhux eżawrjenti ta' informazzjoni li hija aċċessibbli għal Uffiċjali li għandhom awtorizzazzjoni ta’ livell 2 hija kif ġej:

- Formoli ta’ Applikazzjoni
- Dokumentazzjoni oriġinali u/jew kopji li jservu ta’ prova dwar dak dikjarat
- Skambji ta' komunikazzjoni
- Rapporti dwar Diliġenza Dovuta kemm interni kif ukoll esterni
- Dokumenti ta’ Awtorizzazzjoni
- Ġuramenti ta’ Lealtà

### 3.3 Livell ta' approvazzjoni Nru. 3 li fih l-Uffiċjali jitħallew jaraw/jimmaniġġjaw l-Informazzjoni tal-Ogħla Segretezza

Dan il-livell ta' approvazzjoni normalment japplika biss għall-Kap tal-Uffiċċju (jiġifieri r-Regolatur GħĊSE) u huwa relatat mal-aktar informazzjoni sensittiva li tirrikjedi l-ogħla livelli ta' protezzjoni mill-aktar riskju serju ta' esponiment. Dan huwa addizzjonali għall-aċċess mogħti fil-livelli 1 u 2.

Lista mhux eżawrjenti ta' informazzjoni li hija aċċessibbli għal Uffiċjali li għandhom awtorizzazzjoni ta’ livell 3 hija kif ġej:

- informazzjoni relatata ma’ każijiet fejn l-AMPII/AKM toħroġ opinjoni motivata tispjega għalfejn l-applikazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati għall-approvazzjoni minkejja rapport negattiv ta’ Diliġenza Dovuta;
- informazzjoni relatata ma' każijiet fejn l-AMPII/AKM toħroġ opinjoni motivata tispjega għaliex l-applikazzjonijiet għandhom jiġu rrifjutati, minkejja rapport pożittiv ta’ Diliġenza Dovuta.

## 4.0 Diskrezzjoni tar-Regolatur GħĊSE

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 ta’ hawn fuq, għandu jkun fid-diskrezzjoni tar-Regolatur GħĊSE li jassenja jew jirtira livelli ogħla ta' approvazzjoni lill-Uffiċjali li normalment ikunu (jew li qabel kienu) inagħtaw awtorizzazzjoni ta’ livell 1 jew ta’ livell 2. Din id-diskrezzjoni tista' tiġi applikata a bażi ta’ ħtieġa ta’ għarfien assolut, meħud każ, każ.